Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 35- Il-Ġimgħa 11 ta' Frar 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem nhar il-Ġimgħa 11 ta' Frar 2022 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**35.1 Talba**

35.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**35.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

35.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 35.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.4.1 Is-Sindku spjega kif għal din il-laqgħa ltqajna b'mod differenti biex nżommu laqgħa tal-Kunsill li fl-istess ħin isservi bħala team building. L-għan prinċipali ta' din il-laqgħa huwa li kull kunsillier jesprimi l-ideat u suġġerimenti tiegħu speċjalment fejn jidħlu attivitajiet u tisbieħ fost l-oħrajn.

## 35.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

35.5.1 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab jekk l-Enemalta kif inhuma għaddejjin bix-xogħol fi Triq Fuq il-Għajn , jistgħux jagħmlu culvert ħabba ix-xita. Is-sindku wieġeb li trinka tal-culvert tal-Enemalta m'għandiex x'taqsam u ma tistax tintuża għal storm water.

35.5.2 Il-kunsillier Saliba rrefera wkoll għall-trakk li hemm ipparkjat fi Triq Ħamri Street bla permess. Sar qbil li għandna ngħaddu dan l-ilment lill-Community Police.

35.5.3 Il-kunsillier Teddy Saliba reġa' tenna t-talba sabiex nibdlu rampa perikoluża fi Triq iż-Żewwieqa.

35.5.4 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-ħtieġa ta' tibdil ta' madum f'bankina ta' residenza fi Triq Baħħara minħabba diżabilita'. It-talba oriġinali kienet li jinbidlu r-rampi u issa qed jitolbu li ssir il-bankina kollha non-slip. Minħabba li huwa każ delikat ħafna offrejnilhom li jagħżlu l-madum huma. Sar qbil li għandna noffru li nibdlu r-rampi peress li l-bankina tinsab fi stat tajjeb u anke b'madum non slip.

35.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona li għandna nagħmlu double yellow lines fuq naħa waħda ta' Trejqet Dun Karm Cassar.

35.5.6 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-fatt li dalgħodu ġiet organizzata attivita' żgħira ta' ringrazzjament lill-ħaddiema tal-FSWS , lill-kenniesa, lill-Community Police u lill- ħaddiema tal-Kunsill billi provdejnilhom pizza li serviet bħala get-together ta' ringrazzjament.

35.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-ilment li daħal minn triq ġdida fi Triq Malta, li hemm xi nġenji li qed jibqgħu jaħdmu sas-sigħat bikrin ta' filgħodu. Sar qbil ukoll li dan l-ilment għandna ngħadduh lil Community Police.

35.5.8 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar il-metodu l-ġdid li bih qed isir il-patching fil-lokal.

35.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għal talba ta' reserved parking bay quddiem residenza fi Triq Hamri Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

## 35.6 Korrispondenza

35.6.1 Is-Sindku rrefera għall-istedina tal-Laqgħa plenarja organizzata mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienet pjanata għall-4 ta' Marzu u li issa ġiet posposta. Id-data ser tiġi komunikata aktar il-quddiem.

35.6.2. Ġiet trattata l-email irċevuta mingħand il-Monitoring Dept tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward spezzjoni tal-schedule of payments numru 98 u 99. Is-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber spjegat kif irrispondiet għal kull punt li tqajjem u li kopja tar-risposta ntbagħtet lill-kunsilliera permezz ta' email.

35.6.3. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rringrazzja lis-Sindku Kevin Cauchi talli għogbu jistiednu biex jakkumpanjah għall-Malta Films Award. Huwa apprezza ħafna dan il-ġest.

35.6.4. Is-Sindku rrefera għal-ilment li daħal mingħand bidwi li jaħdem art tal-gvern u li qed jgħid li ġo fiha qed isir xi żvilupp mill-Grand Hotel. Sar qbil li għandna niċċekjaw mad-Dipartiment tal-Artijiet dwarha.

35.6.5. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għad-deċiżjoni li konna ħadna li ma aċċettajnix il-Loading/unloading bay rikjesta mir-restaurant One 80. Huwa spjega kif preżentament qed jeħel it-traffiku kollu f'din l-area. Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-istess talba u ssuġġerixxa li idealment nibdlu car space wieħed biss f'keep clear. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi din it-talba lill-Transport Malta.

35.6.6. Ġie trattat l-ilment ta riħa qawwija ta' tarmac fi Triq Bengħażi. Is-Sindku spjega kif meta jkun ċertu riħ, nofs Għajnsielem ikun

insapportabbli. Sar qbil li għandna nibgħatu lill-Awtorita tal-Ippjanar u lid-Dipartiment tas-Saħħa b'dan ir-rapport.

35.6.7 Ġiet trattata t-talba sabiex triq ġdida fi Triq l-Imġarr tissemma' Triq Gużepp Ciantar li kien sid l-għalqa. Sar qbil li għandna ngħaddu dan l-isem lill-Kumitat ismijiet tat-Toroq.

35.6.8. Ġiet trattata t-talba għal bozza ġdida għal-blokka Madonna ta' Pinu fi Triq Dun Ċużepp Cauchi. Sar qbil li għadna naraw hux verament hemm il-ħtieġa u jekk iva mmexxu.

35.6.9. Ġiet trattata talba sabiex titneħħa palma minn ġo għalqa fi Triq Bordin u titnaddaf l-area.

## 35.7 Updates Proġetti

35.7.1 Proġett Pjazza Tolfa - Is-Sindku rrefera għax-xiri tas-siġar kif maqbul fil-laqgħa ta' qabel. Il-Progett jinsab f'fażi avvanzata u li issa li jmiss huwa t-tqegħid tal-ħamrija u t-tħawwil tas-siġar. Jonqos ukoll xi bankijiet li ser jiġu maħduma.

35.7.2 **Għajnsielem Learning Garden-** Is-Sindku spjega kif ix-xogħol fuq dan il-proġett mistenni jinbeda dan ix-xahar. Huwa spjega kif immedjatament ser jiġu ppublikati t-tenders għall-playing equipment. Fuq nota separata applikajna taħt skema għal 'Playing Percussions exhibit' li jekk nintagħżlu, jitpoġġew f'dan il-playingfield.

35.7.3 **Ħitan tas-sejjieħ** . Is-Sindku rrefera b'sodisfazzjon għall-proġetti li qed isiru mill-Ministeru għal Għawdex b'fondi tal-Unjoni Ewropea, dawk ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ li qed isiru fi Triq il-Merkanti u fi Triq il-Bwier. Jidher li qed isir xogħol tajjeb ħafna u ta min ifaħħru.

35.7.4 **Applikazzjoni ġdida taħt Miżura 4.3** – Il-Kunsill se jkun qed japplika għal diversi toroq rurali sabiex jingħata funding għalihom. Dawn huma l-bqija ta' Triq Bordin, trejqet taħt Chambray, Triq Daħlet il-Għama, u Xatt Aħmar. Is-Sindku spjega li sfortunatament l-budget allokat naqas drastikament minn 25 miljun Ewro għal 5 miljuni Ewro għaliex il-maġġor

parti tal-flus ser jingħataw lill-Infrastructure Malta. Is-Sindku qal li dan mhux ġust mal-Kunsilli Lokali speċjalment meta rridu nikkompetu wkoll mal-Minsiteru għal Għawdex.

35.7.5 **Proġett Latrina Pubblika** - Rigward il-proġett tal-latrina hemm ċans li nieħdu l-fondi li applikajna għalihom u għalhekk ser nimmodifikaw il-pjanti biex jilħqu aktar il-ħtiġijiet.

## 35.8 Milied 2022

35.8.1. Is-Sindku Kevin Cauchi qal li huwa tajjeb ħafna li nippjanaw minn xhur qabel speċjalment jekk ser inkabbru u issa li għadna ħaddiem tal-post fejn jidher li qed jagħmel xogħol tajjeb ħafna żgur li ser ikun ta' għajnuna. Is-Sindku kkonferma li dan il-ħaddiem lest li jiżboħ ukoll u li ser ikollu ħaddiem ieħor li jgħinu. Fil-villaġġ ta' Bethlehem jinħtieġ li titkompla l-manutenzjoni billi nagħmlu l-membrane u tikhil permezz ta' taħlita apposta u l-kisi li sar jrid jinqala' kollu.

35.8.2. Sar qbil li Matul is-sena lil dan il-post trid tingħatalu manutenzjoni s-sena kollha biex jibqa preservat. Sar qbil li għandna ninvolvu lil Rudolph Cauchi u nitolbu lid-Direttorat tiegħu jisilfu għal xi jiem. Sar qbil li għandna naghmlu pjan u nitolbu għalih biex ikun released minn fuq ix-xogħol għal xi jiem.

35.8.3. Il-Viċi Sindku propona wkol li x'ħin ngħaddu d-dawl nistgħu nhalluh jixghel anke fil-weekends mhux matul l-attivita biss. Bhala dwal giet diskussa sistema ta' lampi u low lights.

35.8.4. Ġie ssuġerit ukoll li nżidu xi bankijiet u xi attrazzjoni biex ikompli jattira lill-familji speċjalment fil-weekends.

35.8.5. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa wkoll li ssir arkata u nagħmlu climbers magħha biex eventwalment jigi tunnel sabiħ.

35.8.6. Is-Sindku enfasizza li id-dawl u l-upkeep tal-post għalissa huma l-priorita'.

35.8.7. Il-Viċi Sindku talab sabiex niċċekjaw jekk il-ġiebja tal-papri naqset mill-ilma.

35.8.8. Bħala aktar tiżjin tal-Milied is-Sindku talab li nżidu aktar dwal fi Triq Fawwara filwaqt li l-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex din is-sena ninkludu wkoll Triq Mogħdija.

35.8.9. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għall-attrazzjoni ġdida għal din is-sena li tinkludi żewġ linef kbar.

35.8.10 Il-kunsillier Larry Buttiġieg enfasizza fuq market stalls li għadhom isiru fuq disinn ta' artist professjonali bħalma huwa Paul Stellini.

35.8.11 Il-Viċi Sindku ssuġerixxa wkoll li nniedu kompetizzjoni ta' presepji magħmulin mit-tfal u residenti u jitwaħħlu fuq barra fit toroq bħala esebizzjoni u sservi ta' trail minn triq għal oħra.

## 35.9 Attivitajiet Sajf 2022

35.9.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-attivitajiet fil-weekends tas-Sajf 2022 dejjem jekk jippermettu r-restrizzjonijiet tal-Covid. Programm dettaljat għal dawn l-attivitajiet ser jiġi preżentat fil-laqgħa li jmiss biex inkunu nistgħu napplikaw għall-fondi.

35.9.2 Il-Vici Sindku Franco Ciangura ssuġerixxa li għandna wkoll ninkludu wkoll l-Festival tal-Bnadar.

35.9.3 Ġew diskussi diversi idejat fit-tul. Sar qbil li dawn il-materji għandhom jiġu diskussi fid-dettal fil-laqgħat li jmiss.

## 35.10 Sitwazzjoni tad-Distribuzzjoni tad-Dawl fil-lokal.

35.10.1 Is-Sindku spjega kif wara li tellgħa' post fuq facebook fejn ikkummenta rigward is-sitwazzjoni ta' dawl baxx fil-lokalita', daħlet fin-nofs il-media u anke l-Ministru responsabbli u jidher li l-affarijiet bdew jitħarrku. Fil-fatt fl-aħħar ġranet saru interventi b'mod temporanji u anke beda xogħol li kien ilu ppjanat. Dan jinkludi substation fi Triq il-Ġnien, Triq Malta tiġi kkonnetjata ma' dik ta' Triq Ħamri għal Triq Sant'Antnin, trenching fi Pjazza tad'Dehra u arbli temporanji f' Pjazza Tolfa.

Huwa rrefera b'sodisfazzjoni li diġa qed tidher d-differenza mill-feedback li qed ningħataw mir-residenti.

35.10.2 Is-Sindku spjega li sadanitant żviluppat problema oħra. Hekk kif pruvajna ngħaddu mit-tunnel ta' Triq Wied ir-Rgħajjes, rriżulta li t-triq nieżla u anke hemm ix-xibka maqsuma u ħiereg il-ħadid. Is-Sindku spjega kif il-Perit Godwin Sultana mar fil-post u ser jipprova jdaħħal parti mill-manutenzjoni ta' din it-triq mal-proġett tal-water catchment li ser isir fil-Pjazza tad-Dehra.

**35.11 Annual Budget u Laqgħa tal-Lokalita'**

35.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat draft tal-estimi annwali għas-sena 2022 u lista tal-proġetti kapitali u l-finanzjament tagħhom. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u li l-budget għandu jiġi approvat billi tinżamm laqgħa tal-lokalita'.

**35.12 Financial Statement 2021**

35.12.1 Is-Segretarja preżentat l-Financial Statements 2021 għall-approvazzjoni. Hija tat deskrizzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja. Il-Financial Statements ġew approvati unanimament.

**25.13 Materji oħra**

35.13.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**35.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

35.14.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

**35.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

35.15.1 Il-laqgħa intemmet fl-16:00pm u ġiet aġġornata għal nhar ....................

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**